VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,102, 11 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 411 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regolamenti tal-2018 li jimplimentaw id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea kontra l-Evitar tat-Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li Jimplimentaw id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea kontra l-Evitar tat-Taxxa.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2019:

Iżda d-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2020.

Kamp tal-applikazzjoni.

2. (1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (EU) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi regolamenti kontra l-prattiki ta' evitar ta' taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-kumpanniji kollha kif ukoll għal entitatjiet oħra, *trusts* u arranġamenti bħalhom li huma suġġetti għat-taxxa f'Malta bħall-kumpanniji, inklużi entitatjiet li ma humiex residenti f'Malta iżda li huma suġġetti għat-taxxa f'Malta bħall-kumpanniji. Dawn il-persuni huma msejħa f'dawn ir-regolamenti bħala "kontribwenti".

Tifsiriet.

3. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"impriża assoċjata" tfisser:

(a) entità li fiha l-kontribwent iżomm, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni f'termini ta' drittijiet tal-vot jew pussess ta' kapital ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%)jew aktar jew ikun intitolat li jirċievi ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jew aktar tal-profitti ta' dik l-entità;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) individwu jew entità li żżomm, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni f'termini ta' drittijiet tal-vot jew pussess ta' kapital ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jew aktar jew tkun intitolata li tirċievi ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jew aktar tal-profitti tal-kontribwent:

Iżda individwu jew entità żżomm direttament jew indirettament parteċipazzjoni ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jew aktar f'kontribwent u entità waħda jew aktar, l-entitajiet kollha kkonċernati, inkluż il-kontribwent, għandhom jitqiesu wkoll bħala impriżi assoċjati;

"impriża finanzjarja" tfisser kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew *manager* ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFM) kif imfisser fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew kumpannija tal-*management* ta' impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif imfissra fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(b) impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(ċ) impriża tar-riassigurazzjoni kif imfissra fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(e) istituzzjonijiet tal-pensjoni li joperaw skemi ta' pensjoni li huma kkunsidrati bħala skemi tas-sigurtà soċjali koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll kwalunkwe entità ġuridika stabbilita għall-fini ta' investiment ta' skemi bħal dawn;

(f) fond ta' investiment alternattiv (AIF) ġestit minn AIFM kif imfisser fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE jew AIF taħt superviżjoni skont l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment;

Kap. 370.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) UCITS fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(h) kontroparti ċentrali kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(i) depożitorju ċentrali tat-titoli kif imfisser fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"kostijiet tas-self" tfisser spejjeż ta' imgħax fuq kull tip ta' dejn, kostijiet oħra ekonomikament ekwivalenti għal imgħax u spejjeż li jinġarbu in konnessjoni mal-ġbir ta' finanzi meħud kont ta' tifsiriet li jinsabu fil-liġi ta' Malta, inkluż, iżda mhux limitat għal, pagamenti taħt self bi dritt ta' parteċipazzjoni fil-profitti, imgħax imputat fuq strumenti bħal *bonds* konvertibbli u *bonds* mingħajr kupuni, ammonti taħt arranġamenti ta' finanzjament alternattiv, bħall-finanzjament Iżlamiku, l-element tal-kost finanzjarju tal-pagamenti ta' *finance lease*, imgħax kapitalizzat inkluż fil-valur tal-*balance sheet* ta' assi relatati, jew l-ammortizzament ta' mgħax kapitalizzat, ammonti mkejla b'referenza għar-ritorn fuq fondi taħt regoli dwar *transfer pricing*, fejn applikabbli, ammonti ta' mgħax nozzjonali ta' strumenti derivattivi jew arranġamenti ta' *hedging* relatati ma' self ta' entità, ċertu qligħ u telf tal-kambju fuq self u strumenti konnessi mal-ġbir ta' finanzjament, tariffi ta' garanzija għal arranġamenti ta' finanzjament, tariffi ta' arranġament u kostijiet simili relatati mas-self ta' fondi;

"kostijiet tas-self eċċessivi" tfisser l-ammont li bih il-kostijiet tas-self deduċibbli ta' kontribwent skont l-Att, kieku mhux għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jaqbżu l-introjtu mill-imgħax taxxabbli u introjtu taxxabbli ieħor ekonomikament ekwivalenti li jirċievi l-kontribwent;

"perijodu ta' taxxa" tfisser is-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima msemmija fl-artikoli 10 u 11 tal-Att, skont kif japplikaw;

"trasferiment ta' negozju mmexxi minn stabbiliment permanenti" tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax ikollu preżenza taxxabbli f'Malta waqt li jikseb tali preżenza fi Stat Membru tal-UE ieħor jew f'pajjiż terz mingħajr ma jsir residenti f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa;

"trasferiment tal-assi" tfisser operazzjoni li permezz tagħha Malta titlef id-dritt li tintaxxa l-assi trasferiti, waqt li l-assi jibqgħu taħt is-sjieda legali jew ekonomika tal-istess kontribwent u "assi trasferiti" għandha tinftiehem skont hekk;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"trasferiment tar-residenza tat-taxxa" tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax residenti f'Malta għall-finijiet tat-taxxa, waqt li jikseb residenza tat-taxxa fi Stat Membru tal-UE ieħor jew f'pajjiż terz.

Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax.

4. (1) Il-kostijiet tas-self eċċessivi għandhom ikunu deduċibbli, fil-perjodu fiskali li fih jiġġarrbu, sa tletin fil-mija (30%) biss tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (hawn iżjed 'il quddiem "EBITDA").

Għall-fini ta' dan ir-regolament, u skont linji ta' gwida maħruġa mill-Kummissarju, dawn li ġejjin jistgħu wkoll jitqiesu bħala kontribwent:

(a) entità li tista' jew tinħtieġ tapplika regolamenti f'isem grupp, kif rikonoxxut għall-finijiet tal-liġi Maltija tat-taxxa;

(b) entità fi grupp, kif rikonoxxut għall-finijiet tal-liġi Maltija tat-taxxa, li ma tikkonsolidax ir-riżultati tal-membri tagħha għall-finijiet ta' taxxa.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kostijiet tas-self eċċessivi u l-EBITDA jistgħu jiġu kkalkolati fil-livell tal-grupp u jinkludu r-riżultati tal-membri kollha tiegħu.

(2) L-EBITDA għandu jiġi kkalkolat billi mal-*income* soġġett għat-taxxa jerġgħu jingħaddu l-ammonti aġġustati għat-taxxa għal kostijiet tas-self eċċessivi kif ukoll l-ammonti aġġustati għat-taxxa għad-deprezzament u l-ammortizzament. *Income* eżenti mit-taxxa jkun eskluż mill-EBITDA ta' kontribwent.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-kontribwent jista':

(a) inaqqas kostijiet tas-self eċċessivi sa tliet miljun euro (€3,000,000):

Iżda meta grupp jitqies bħala kontribwent taħt id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), l-ammont ta' tliet miljun euro (€3,000,000) għandu jitqies għall-grupp kollu kemm hu;

(b) inaqqas kompletament kostijiet tas-self eċċessivi jekk il-kontribwent ikun entità awtonoma. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "entità awtonoma" tfisser kontribwent li mhuwiex parti minn grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja u ma għandu l-ebda intrapriża assoċjata jew stabbiliment permanenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-kostijiet tas-self eċċessivi li se jissemmew għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-subregolament (1):

(a) kostijiet imġarrba fuq self li kien konkluż qabel is-17 ta' Ġunju 2016, iżda l-esklużjoni ma għandhiex testendi għal kwalunkwe modifika sussegwenti għal dak is-self;

(b) kostijiet imġarrba fuq self użat għall-finanzjament ta' proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul fejn l-operatur tal-proġett, il-kostijiet tas-self, l-assi u l-*income* huma kollha fl-Unjoni Ewropea u l-Kummissarju jkun sodisfatt illi l-arranġamenti tal-finanzjament għall-proġett ikollhom fattispeċji speċjali li jiġġustifikaw dak it-trattament fir-rigwardta' arranġamenti ta' finanzjament oħrajn li jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Iżda -

(i) proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul ifisser proġett li jipprovdi, itejjeb, jopera u/jew iżomm assi fuq skala kbira li jitqies li jkun fl-interess pubbliku ġenerali minn Stat Membru tal-UE; u

(ii) kwalunkwe *income* li jirriżulta minn proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul għandu jiġi eskluż mill-EBITDA tal-kontribwent, u kwalunkwe kost tas-self eċċessiv ma għandux jiġi inkluż fil-kostijiet tas-self eċċessivi tal-grupp fir-rigward ta' partijiet terzi msemmija fil-paragrafu (b) tas-subregolament (5).

(5) Meta l-kontribwent ikun membru ta' grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja, il-kontribwent jista' jnaqqas kompletament il-kostijiet tas-self eċċessivi tiegħu jekk ikun jista' juri li l-proporzjon tal-ekwità tiegħu fuq l-assi totali tiegħu huwa ugwali jew ogħla mill-proporzjon ekwivalenti tal-grupp u soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proporzjon tal-ekwità tal-kontribwent fuq l-assi totali tiegħu huwa kkunsidrat ugwali għall-proporzjon ekwivalenti tal-grupp jekk il-proporzjon tal-ekwità tal-kontribwent fuq l-assi totali tiegħu huwa aktar baxx sa żewġ (2) punti perċentwali; u

(b) l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha huma vvalutati permezz tal-istess metodu bħal dak fir-rapporti finanzjarji konsolidati msemmijin fis-subregolament (8).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Il-kontribwent jista' jirriporta 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, kostijiet tas-self eċċessivi u, għal żmien massimu ta' ħames (5) snin, kapaċità tal-imgħax mhux użata, li ma tistax titnaqqas fil-perjodu fiskali attwali skont is-subregolamenti (1) sa (5).

(7) Impriżi finanzjarji għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-subregolamenti (1) sa (6), inkluż meta dawk l-impriżi finanzjarji ikunu parti minn grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja.

(8) Għall-fini ta' dan ir-regolament, il-grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja jikkonsisti mill-entitajiet kollha li huma inklużi bis-sħiħ fir-rapporti finanzjarji konsolidati mħejjija skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju jew kwalunkwe standard ta' kontabbiltà kif jiġi stabbilit permezz ta' linji ta' gwida maħruġa taħt l-artikolu 96(2) tal-Att.

Tassazzjoni tal-ħruġ.

5. (1) Kontribwent għandu jkun soġġett għat-taxxa fuq qligħ kapitali li għandu jiġi kalkolat f'ammont ugwali għall-valur tas-suq tal-assi trasferiti, fil-ħin tal-ħruġ tal-assi, imnaqqas bil-valur tagħhom għall-finijiet tat-taxxa, fi kwalunkwe waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru tal-UE ieħor jew f'pajjiż terz sa fejn Malta ma jibqagħlhiex id-dritt li tintaxxa l-assi trasferiti minħabba t-trasferiment;

(b) kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu f'Malta għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru tal-UE ieħor jew f'pajjiż terz sa fejn Malta ma jibqagħlhiex id-dritt li tintaxxa l-assi trasferiti minħabba t-trasferiment;

(ċ) kontribwent jittrasferixxi r-residenza tat-taxxa tiegħu lejn Stat Membru tal-UE ieħor jew pajjiż terz, ħlief għal dawk l-assi li jibqgħu effettivament marbutin ma' stabbiliment permanenti f'Malta;

(d) kontribwent jittrasferixxi n-negozju mmexxi mill-istabbiliment permanenti tiegħu minn Malta għal Stat Membru tal-UE ieħor jew għal pajjiż terz sa fejn Malta ma jibqagħlhiex id-dritt li tintaxxa l-assi trasferiti minħabba t-trasferiment.

(2) It-taxxa tal-ħruġ imsemmija fis-subregolament (1) għandha titħallas mhux aktar tard mid-data tal-prospett tal-kontribwent b'dak il-mod li jista' jiġi stabbilit mill-Kummissarju. Kontribwent jista',

VERŻJONI ELETTRONIKA

iżda, jiddifferixxi l-pagament ta' taxxa tal-ħruġ imsemmija fis-subregolament (1) billi jħallsu b'pagamenti rateali fuq ħames snin, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru tal-UE ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE);

(b) kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu f'Malta għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru tal-UE ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE;

(ċ) kontribwent jittrasferixxi r-residenza tat-taxxa tiegħu minn Malta lejn Stat Membru tal-UE ieħor jew pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE;

(d) kontribwent jittrasferixxi n-negozju mmexxi mill-istabbiliment permanenti tiegħu f'Malta għal Stat Membru tal-UE ieħor jew pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament dwar differiment tal-pagament tat-taxxa tal-ħruġ għandhom japplikaw -

(a) anke għal pajjiżi terzi li huma parti għall-Ftehim ŻEE jekk ikunu kkonkludew ftehim ma' Malta jew mal-Unjoni Ewropea dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet ta' taxxa, ekwivalenti għall-assistenza reċiproka prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE; u

(b) meta il-Kummissarju jkun approva talba magħmula bil-miktub għal tali differiment.

(3) (a) Jekk kontribwent jiddifferixxi l-pagament f'konformità mas-subregolament (2), għandu jiġi impost l-imgħax f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44(2A) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

(b) Fejn ikun hemm riskju li jista' jintwera u li jkun attwali li ma jkunx hemm irkupru, il-Kummissarju jista' jitlob lill-kontribwenti li jipprovdu garanzija bħala kondizzjoni għad-differiment tal-pagament f'konformità mas-subregolament (2).

(4) Meta japplika s-subregolament (2), id-differiment tal-pagament għandu jitwaqqaf minnufih, u d-dejn tat-taxxa jkun jista' jiġi rkuprat fil-każijiet li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) l-assi trasferiti jew in-negozju mmexxi mill-istabbiliment permanenti tal-kontribwent jinbiegħu jew jiġu b'mod ieħor ċeduti;

(b) l-assi trasferiti jiġu sussegwentement trasferiti lejn pajjiż terz;

(ċ) ir-residenza tat-taxxa tal-kontribwent jew in-negozju mmexxi mill-istabbiliment permanenti tiegħu jiġu sussegwentement trasferiti lejn pajjiż terz;

(d) il-kontribwent ifalli jew jiġi likwidat;

(e) il-kontribwent jonqos milli jonora l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-pagamenti rateali u ma jirrettifikax is-sitwazzjoni tiegħu fuq perijodu ta' żmien raġonevoli, li ma jistax jaqbeż tnax-il (12) xahar:

Iżda l-paragrafi (b) u (ċ) ma għandhomx japplikaw għal pajjiżi terzi li huma parti għall-Ftehim ŻEE jekk ikunu kkonkludew ftehim ma' Malta jew mal-Unjoni Ewropea dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet ta' taxxa, ekwivalenti għall-assistenza reċiproka prevista fid-Direttiva 2010/24/UE.

(5) Meta jiġu trasferiti assi, residenza tat-taxxa jew in-negozju mmexxi mill-istabbiliment permanenti lejn Malta minn Stat Membru tal-UE ieħor, il-valur inizjali tal-assi relevanti għall-finijiet ta' taxxa f'Malta għandu jkun dak stabbilit minn dak l-Istat Membru tal-UE l-ieħor, sakemm il-Kummissarju ma jistabbilix permezz ta' inkjesta jew stima magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 31 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li dak il-valur ma jirriflettix il-valur tas-suq. Għall-fini tal-imsemmija determinazzjoni, il-Kummissarju għandu jqabbad persuna indipendenti li tkun esperta f'dan il-kamp.

Kap. 372.

(6) Għall-finijiet tas-subregolamenti (1) sa (5), "valur tas-suq" tfisser l-ammont li bih attiv jista' jiġi skambjat, jew obbligi reċiproċi jistgħu jiġu saldati bejn xerrejja u bejjiegħa disponibbli mhux relatati fi transazzjoni diretta.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal trasferimenti ta' assi relatati mal-finanzjament ta' titoli, assi depożitati bħala kollateral jew meta t-trasferiment tal-assi jseħħ sabiex jintlaħqu ħtiġiet ta' kapital prudenzjali jew għall-fini tal-ġestjoni tal-likwidità:

Iżda dan sakemm l-assi jkunu destinati li jerġgħu lura lejn Malta fi żmien tnax-il (12) xahar mid-data tal-ħruġ ta dawk l-assi minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

Malta.

Regola ġenerali kontra l-abbuż.

6. (1) Sabiex tiġi kalkolata l-obbligazzjoni ta' taxxa skont l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, għandhom jiġu injorati arranġament jew sensiela ta' arranġamenti li, peress li jkunu ġew stabbiliti għall-fini ewlieni jew għal wieħed mill-finijiet ewlenin li jinkiseb benefiċċju ta' taxxa li jmur kontra l-objettiv jew il-fini tal-liġi applikabbli tat-taxxa, ma jkunux ġenwini fir-rigward tal-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Arranġament jista' jinkludi aktar minn pass wieħed jew parti waħda.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), arranġament jew sensiela tagħhom għandhom jitqiesu mhux ġenwini sa fejn ma jkunux ġew stabbiliti għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu r-realtà ekonomika.

(3) Meta arranġamenti jew sensiela tagħhom jiġu injorati skontis-subregolament (1), l-obbligazzjoni ta' taxxa għandha tkun ikkalkolata skont id-dispożizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Regola dwar il-kumpanniji kontrollati minn barra l-pajjiż.

7. (1) Entità, jew stabbiliment permanenti li l-profitti tiegħu mhumiex soġġetti għat-taxxa jew huma eżenti mit-taxxa, għandhom jitqiesu bħala kumpannija barranija kontrollata meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' entità, il-kontribwent waħdu, jew flimkien mal-impriżi assoċjati tiegħu jkollu parteċipazzjoni diretta jew indiretta ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tad-drittijiet tal-vot, jew ikollu sjieda direttament jew indirettament ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-kapital jew ikun intitolat li jirċievi aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-profitti ta' dik l-entità; u

(b) it-taxxa korporattiva attwali mħallsa fuq il-profitti tagħha mill-entità jew stabbiliment permanenti tkun anqas mid-differenza bejn it-taxxa li kienet tkun imposta fuq l-entità jew stabbiliment permanenti taħt l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u t-taxxa korporattiva attwali mħallsa fuq il-profitti tagħha mill-entità jew stabbiliment permanenti:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-istabbiliment permanenti ta' kumpannija barranija kontrollata li mhux soġġett għat-taxxa jew huwa eżenti mit-taxxa fil-ġurisdizzjoni tal-kumpannija barranija kkontrollata ma għandux jittieħed kont tiegħu:

Iżda wkoll it-taxxa li kienet tkun imposta f'Malta tfisser it-taxxa kif ikkomputata skont l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-

Cap. 123.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Income.

(2) Meta entità jew stabbiliment permanenti jiġi trattat bħala kumpannija barranija kontrollata skont is-subregolament (1), għandu jiġi inkluż fil-bażi tat-taxxa l-*income* mhux distribwit tal-entità jew stabbiliment permanenti li jirriżulta minn arranġamenti mhux ġenwini li ġew stabbiliti għall-fini essenzjali li jinkiseb benefiċċju ta' taxxa.

Għall-finijiet ta' din is-subregolament, arranġament jew sensiela tagħhom għandhom jitqiesu bħala mhux ġenwini sa fejn l-entità jew l-istabbiliment permanenti ma kienx ikun il-propjetarju tal-assi jew ma kienx jieħu r-riskji li jiġġeneraw l-*income* kollu tiegħu, jew parti minnu, li kieku ma kienx kontrollat minn kumpannija fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-persuni sinifikanti, li huma rilevanti għal dawk l-assi u riskji, u li huma strumentali biex jiġi ġenerat l-*income* tal-kumpannija kontrollata:

B'dana iżda illi l-imsemmija kumpannija tkun il-kontribwent u l-imsemmija funzjonijiet tal-persuni sinifikanti jkunu mwettqa f'Malta.

(3) Għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tas-subregolament (2) entità jew stabbiliment permanenti:

(a) bi profitti tal-ikkuntjar ta' mhux aktar minn seba' mija u ħamsin euro (€750,000), u b'*income* mhux mill-kummerċ ta' mhux aktar minn ħamsa u sebgħin elf euro (€75,000); jew

(b) li l-profitti tal-ikkuntjar tiegħu jammontaw għal mhux aktar minn għaxra fil-mija (10%) tal-kostijiet operatorji għall-perjodu tat-taxxa:

Iżda, il-kostijiet operatorji ma jistgħux jinkludu l-kost tal-oġġetti mibjugħa barra l-pajjiż fejn l-entità hija residenti, jew fejn jinsab l-istabbiliment permanenti, għall-finijiet tat-taxxa u pagamenti lil intrapriżi assoċjati.

Komputazzjoni tal-*income* ta' kumpannija barranija kontrollata.

8. Għall-finijiet tar-regolament 7 -

(a) l-*income* li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa tal-kontribwent għandu jkun limitat għal ammonti ġenerati permezz ta' assi u riskji marbutin ma' funzjonijiet ta' persuni sinifikanti li jitwettqu mill-kumpannija li tikkontrolla. L-attribuzzjoni ta' *income* ta' kumpannija barranija kontrollata għandha tkun ikkalkolata f'konformità mal-prinċipju ta' *arm's length*;

(b) l-*income* li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa għandu jkun ikkalkolat fi proporzjon mal-parteċipazzjoni tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kontribwent fl-entità kif imfisser fir-regolament 7(1);

(ċ) l-*income* għandu jkun inkluż fil-perjodu fiskali tal-kontribwent li fih tintemm is-sena fiskali tal-entità;

(d) meta l-entità tiddistribwixxi l-profitti lill-kontribwent, u dawk il-profitti distribwiti jkunu inklużi fl-*income* taxxabbli tal-kontribwent, l-ammonti tal-*income* inklużi preċedentement fil-bażi tat-taxxa skont ir-regolament 7 għandhom jitnaqqsu mill-bażi tat-taxxa meta jiġi kalkolat l-ammont ta' taxxa dovuta fuq il-profitti distribwiti, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm tassazzjoni doppja;

(e) meta l-kontribwent iċedi l-parteċipazzjoni tiegħu fl-entità jew in-negozju mmexxi mill-istabbiliment permanenti, u kwalunkwe parti tar-rikavat miċ-ċessjoni tkun ġiet inkluża qabel fil-bażi tat-taxxa skont ir-regolament 7, dak l-ammont għandu jitnaqqas mill-bażi tat-taxxa meta jiġi kalkolat l-ammont ta' taxxa dovuta għal dak ir-rikavat, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm tassazzjoni doppja;

(f) għandu jingħata tnaqqis tat-taxxa mħallsa mill-entità jew mill-istabbiliment permanenti mill-obbligazzjoni tat-taxxa tal-kontribwent. It-tnaqqis għandu jiġi kalkulat skont kif hemm provdut fl-artikoli 77 u 82 tal-Att.